MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Numru 698/2003

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Glenn Vella, iben John,
imwieled tas-Sliema fil-21
ta' lulju, 1980

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli minn ġewwa villa li għada qed tinbena, sitwata fi Triq il-Porzjunkola, Baħar iċ-Ċagħaq, f'xi ħin bil-lejl fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għodda (mutur tal-magna tal-ġebel) liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' Steve Buhagiar;

2. talli minn ġewwa Villa Markin, Busietta Gardens, Madliena, Għargħur, f'xi ħin wara nofs in-nhar bejn ix-xhur ta' settembru, 2002 u marzu, 2003 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom 'lift' liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jaqbeż l-elf lira maltin għad-dannu ta' Adrian Busietta;
3. talli minn ġewwa Valley View Gardens, Triq ix-Xiber, Ta' l-Ibraġġ, Madliena, f'xi ħin fil-għodu fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom 'water heater' liema serq hu kkwalifikat bil-mezz għad-dannu ta' John Saliba;
4. talli minn ġewwa vettura tal-marka Mitsubishi Pajero, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAE 192, li kienet ipparkjata fi Triq l-Irdum, Baħar iċ-Ċagħaq, f'xi ħin wara nofs in-nhar fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom ċinturin bl-iskrataċ liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin u bix-xorta tal-oġġett misruq għad-dannu ta' Gennaro Filletti;
5. talli minn ġewwa villa li għada qed tinbena, sitwata fi Triq l-Irdum, Baħar iċ-Ċagħaq, f'xi ħin wara nofs in-nhar fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' pompa ta' l-ilma għad-dannu ta' nies mhux magħrufa;
6. talli minn ġewwa villa li għada qed tinbena, sitwata fi Triq Robert Sammut, Rabat, f'xi ħin bil-lejl fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għodod liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' Christino Muscat;
7. talli minn ġewwa villa li għada qed tinbena, sitwata fi Triq il-Linja, Attard, f'xi ħin fil-għodu fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għodod liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' Martin Camilleri;
8. talli minn ġewwa fabbrika li għada qed tinbena, sitwata fiz-Zona Industrijali, San Gwann, f'xi ħin bil-lejl fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għodod liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' nies mhux magħrufa;

9. talli minn ġewwa villa li għada qed tinbena, sitwata fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, f'xi ħin wara nofs in-nhar fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom pompi ta' l-ilma liema serq hu kkwalifkat bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' Alex Mercieca;
10. talli minn ġewwa villa li għada qed tinbena, sitwata fi Triq Sir Thomas Ashbey, Marsaskala, f'xi ħin fil-għodu fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għodod liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' nies mhux magħrufa;
11. talli minn ġewwa 'La Vita', Triq il-Buganvilla, Ta' l-Ibraġġ, St. Andrews, f'xi ħin bil-lejl fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għamara antika liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-ħin għad-dannu ta' nies mhux magħrufa;
12. talli minn ġewwa dar sitwata fi Triq il-Ġdida fi Triq il-Ħarruba, Tal-Balal, limiti ta' Birkirkara, f'xi ħin fil-għodu fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għodod liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' nies mhux magħrufa;
13. talli minn ġewwa Formosa Construction sitwata f'Tal-Balal, limiti ta' Birkirkara, f'xi ħin bil-lejl fix-xhur ta' bejn ottubru, 2002 u diċembru, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom għodod liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira maltin iżda mhux l-elf lira maltin għad-dannu ta' Joe Cassar;
14. talli bejn ottubru, 2002 u frar, 2003 xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa li ġew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta' marzu, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

Fl-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 330, 279(a)(b), 280, 281, 334, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali
Bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ april, 2004 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ april, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akku/I mi]jujba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża numru 14 miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 330, 279(a)(b), 280, 281, 17(b) u 20 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Rat l-artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Supervizjoni kontra l-imputat għal perjodu ta’ erba’ snin mil-lum taħt il-ħarsien ta’ Charles Miceli, Caritas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------